— tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura s-somom kollha miżmuma indebitament miżjuda bl-interessi legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas u tordna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza mogħtija u jieħu l-inizjattivi, atti jew miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li jkun stabbilit mill-ġdid, b'mod immedjat u sħiħ l-ammont oriġinali tal-pensjoni;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Paciotti vs Il-Parlament**

**(Kawża T-398/19)**

(2019/C 280/64)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Elena Ornella Paciotti (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ineżistenti jew tannulla b'mod sħiħ l-att li r-rikorrent ġie informat bih permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet għall-pensjoni marbuta mal-waqfien tal-attività u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tal-kalkolu tal-pensjoni preċedenti;

— tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura l-ammonti kollha miżmuma indebitament, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data taż-żamma sal-ħlas tagħhom, u tikkundanna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza li għandha tingħata u jadotta kull inizjattiva, att jew miżura neċessarja biex jiżgura r-rikostituzzjoni immedjata u sħiħa tal-portata inizjali tal-benefiċċju tal-pensjoni;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

---